**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**
**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Karl Muscat**

**Kaz Nru; 183-58**

**Illum, 14 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Karl Muscat**, iben Alfred u Marisa nee' Agius, residenti Blk G. Fl 14, Triq Jean Houel, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 68096M imwieled Pieta nhar l-1 ta' Frar 1996 senjatament: akkuzat talli nhar is-17 ta' April 2019 ghall habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30hrs) gewwa l-Mellieha akkuzat talli;

1. Waqt l-istagun miftuh ghall-kacca b'Deroga fir-Rebbiegha ghas-summien, ikkaccja jew pprova jikkaccja, ha jew pprova jiehu xi ghasafar li huma protetti taht dawn ir-regolamenti cioe Tajra Safra (Golden Oriole) (Oriolus Oriolus) u Gamiema (Turtle Dove) (Streptopelia Turur) jekk mhux skont dawn ir-

regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tieghu jew zamm kampjuni ta' ghasafar, kemm hajjin jew mejtin jew parti li tista' tingharaf jew derivattivi taghhom cioe ghasafar li mhux inkluzi fl-Skeda II jew fl-Skeda III u meta dawk l-ghasafar ma kinux gew iddikjarati u registrati ma' l-Awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma kien fil-pusses tal-permessi, jew certifikati ta' registrazzjoni mahruga mill-Awtorita' kompetenti ghaz-zamma ta' dawk l-ghasafar skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 21, jew ikunu gew impurtati legalment skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 6(1)(a) jew gew mehuda jew akkwistati legalment fi Stat Membru jew imrobbija fil-maghluq u dan bi ksur ta' Regolament 4 (1)(e) ta'l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42.

Nhar is-26 t'April 2019 u fil-granet ta' qabel f'dawn il-gzejjer;

3. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida skont ma jkun japplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u meta ma ssodisfax il-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u  dan bi ksur ta' Regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 549.42)

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti cioe' arma ta' l-

ghamla Luigi Franchi bin-numru S03009 u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu wara li xehed l-ufficjal prosekutur;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet ai fini ta' piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni ta' l-imputat, l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu gew ampjament pruvati fit-termini tal-ligi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ikkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali tal-qua imputat, in-natura tar-reati dedotti fil-konfront tieghu; u l-istadju li fiha saret l-ammissjoni,

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 4(1)(a); 4(1)(e); u 12(1) tal-Ligi Sussidjarja 549.42 tal-Ligijiet ta'

Malta, fuq ammissjoni, qed issib lil qua imputat, Karl Muscat, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 3000.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' tlett snin millum.

Il-Qorti, ai termini tal-istess disposizzjoni tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif ukoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA

Christine Farrugia

Deputat Registratur